# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 26 ta' Ġunju, 2025.**

**Numru 7**

**Appell Numru: 230/2019/1 RGM**

**Maria Esperanca Castellon Viaplana**

**v.**

**AquaBioTech Limited (C-22950)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell tal-kumpanija konvenuta AquaBioTech Limited minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-27 ta' Frar, 2024, li biha kkundannata tħallas lill-attriċi s-somma ta' €19,063.63, flimkien mal-imgħaxijiet legali u l-ispejjeż kollha tal-kawża, wara li sabitha ħatja ta' ksur tal-kuntratt ta' xogħol definit tal-attriċi, għaliex waqqfitulha qabel iż-żmien miftiehem, mingħajr raġuni

tajba u biżżejjed skont il-liġi.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fil-5 ta' Marzu, 2019, l-attriċi Maria Esperanca Castellon Viaplana stqarret li hija bdiet taħdem mal-kumpanija AquaBioTech Limited għal żmien fiss sa mill-1 ta' Ottubru 2015.

3. Fissret li wara li għalqilha l-ewwel kuntratt fit-2 ta' Ottubru, 2018, hija ffirmat kuntratt ieħor tax-xogħol mal-kumpanija konvenuta, għal żmien speċifikat, li kellu jagħlaq fit-30 ta' Settembru, 2020.

4. Ġara però li b'ittra, tal-10 ta' Diċembru, 2018, il-kumpanija konvenuta għarrfitha li hija kienet qiegħda ttemmilha il-kuntratt tal-impjieg minnufih, u dan għal raġunijiet ta' dixxiplina.

5. Kemm fuq l-ilment li l-kumpanija konvenuta kissret il-kuntratt ta' xogħol tagħha tat-2 ta' Ottubru, 2018, kif ukoll fuq il-premessa li l-istess kumpanija konvenuta għandha tħallasha nofs il-paga li kienet sejra tirċievi li kieku l-kuntratt ta' impjieg tagħha ntemm fiż-żmien miftiehem, l-attriċi Maria Esperanca Castellon Viaplana ressqet din il-kawża li biha talbet lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *«1. Tiddikjara illi s-soċjetà konvenuta kissret il-kuntratt definit ta' xogħol tal-attriċi u kwindi hija responsabbli, skont il-liġi, sabiex tħallas nofs il-paga illi l-attriċi kienet tipperċepixxi li kieku dan ma sarx u l-kuntratt ġie maħdum*

*kollu.*

*2. Tillikwida l-imsemmija nofs paga fl-ewwel talba fl-ammont ta' tmintax-il elf, disa' mija u disgħa u tletin ewro (€18,939) jew somma oħra verjuri li tista' tiġi likwidata.*

*3. Tikkundanna lis-socjetà konvenuta tħallas lill-attriċi s-somma ta' tmintax-il elf, disa' mija u disgħa u tletin ewro (€18,939) jew somma oħra verjuri li tista' tiġi likwidata in linea mal-premessi u t-talbiet hawn fuq magħmula.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra s-soċjetà intimata li hija minn issa inġunta għas-subizzjoni u bir-riżerva għal kull azzjoni oħra li tista' tispetta lir-rikorrenti u bl-imgħax mid-data tat-terminazzjoni tal-impjieg sad-data tal-ħlas effettiv.»*

6. Bi tweġiba maħlufa tas-27 ta' Mejju, 2019, il-kumpanija konvenuta AquaBioTech Limited laqgħet għall-kawża b'dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1.Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress li mhuwiex minnu li s-soċjetà intimata kissret il-kuntratt tax-xogħol tal-attriċi jew li tterminat l-impjieg tagħha b'mod ħesrem.*

*2. Illi kienet proprju l-attriċi li kissret il-kundizzjonijiet fil-kuntratt ta' xogħol tagħha b'imġiba u nuqqasijiet riprovevoli lejn il-kumpanija u lejn il-kollegi tagħha li jmorru kontra l-obbligi lavorattivi kuntratti minnha u kontra l-prinċipji ta' relazzjonijiet industrijali.*

*3. Illi l-attriċi ħolqot ambjent negattiv fuq il-post tax-xogħol tant li numru ta' impjegati u apprendisti tas-soċjetà intimata kienu qed iħossuhom iffastidjati u intimidati mill-imġiba tal-attriċi sal-punt li kienu qed jikkunsidraw li jtemmu l-impjieg tagħhom, kif ser jiġi ppruvat waqt is-smigħ tal-kawża.*

*4. Illi d-diriġenti tas-soċjetà intimata kemm-il darba kienu ġibdu l-attenzjoni tal-attriċi fir-rigward tal-komportament u l-attitudni tagħha permezz ta' twissijiet formali u informali, kemm verbalment u kif ukoll bil-miktub, u għalhekk l-istess attriċi kienet konxja li l-aġir tagħha kien kundannabbli iżda baqgħet tippersisti fl-inadempjenza ('Dok AB1').*

*5. Illi jirriżulta li s-soċjetà intimata kellha raġunijiet validi u suffiċjenti sabiex tittermina l-impjieg tal-attriċi, kemm ai termini tal-imsemmi kuntratt tax-xogħol u kif ukoll ai termini tal-liġi u konsegwentement ma hemm xejn dovut mis-soċjetà intimata.*

*6. Illi fi kwalunkwe każ, l-attriċi għandha tipprova l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tagħha, inkluż l-ammont mitlub minnha.*

*7. Illi għaldaqstant, it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż*

*kontriha, salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-liġi.*

*8. Illi l-esponenti taf personalment bil-fatti suesposti.»*

7. B'sentenza mogħtija fis-27 ta' Frar, 2024, l-Ewwel Qorti qatgħet din il-kawża billi ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-kumpanija konvenuta, u laqgħet it-talbiet kollha tal-attriċi billi sabet li AquaBioTech Limited kissret il-kuntratt ta' xogħol definit ta' mal-attriċi għaliex waqqfitu bla raġuni siewja u ġusta fil-liġi u b'hekk żammitha responsabbli li tħallasha nofs il-paga li kienet sejra ddaħħal li kieku baqgħet taħdem sakemm kellu jiskadi l-kuntratt. Minħabba f'hekk, l-Ewwel Qorti ikkundannat lil AquaBioTech Limited sabiex tħallas lill-attriċi s-somma ta' €19,063.63, flimkien mal-imgħax mill-jum tal-10 ta' Diċembru, 2018, sakemm isir il-ħlas, kif ukoll l-ispejjeż kollha tal-kawża.

8. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti għal din id-deċiżjoni huma dawn li ġejjin:

*«**Ikkunsidrat:***

*14. B'kuntratt tat-2 ta' Ottubru, 2018 is-soċjetà konvenuta qablet li żżomm lill-attriċi bħala impjegata tagħha fuq kuntratt ta' servizz għal perjodu ta' sentejn mill-1 ta' Ottubru, 2018, sat-30 ta' Settembru, 2020:*

> *«by means of this agreement AquaBioTech hereby agrees to retain the employee on a contract of Service for international work relating to AquaBioTech work for a two (2) year fixed term contract starting from the 1st October, 2018, until the 30th September, 2020 [...]»*

*15. L-unika premessa fil-kuntratt ta' impjieg li tagħti s-setgħa lis-soċjetà konvenuta tittermina l-impjieg tal-attriċi hija s-segwenti:*

> *«17. Any breach on the part of the employee of the obligations required of him under this contract shall entitle **AquaBioTech** not only to terminate the contract of the employee with immediate effect but also to seek other legal solutions to prevent / stem such a breach.»*

*16. Il-kuntratt jagħmel riferenza għal Corporate Policy Guidelines, liema manwal jifforma parti mit-termini u kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' impjieg però qatt ma ġie esibit f'din il-kawża. Is-salarju miftiehem kien ta' €21,076.56 fis-sena «including governement bonuses.»*

*17. Minn ittra mhux datata li għandha t-titlu «Formal Letter of Warning» jidher li fit-28 ta' Settembru, 2018, saret laqgħa li għaliha kienet preżenti l-attriċi, Lisa Hunter (Direttriċi tar-Riżorsi Umani) u Pierre Otto. Minn din l-ittra ma jirriżultax għalfejn saret din il-laqgħa però mill-provi jidher li din il-laqgħa segwiet avveniment li seħħ [fil-]ġurnata ta' qabel bejn is-sieħba ta' Pierre Otto (ċjoè s-Sinjura Wilk) u l-attriċi. Dan l-avveniment huwa wkoll ikkonfermat b'korrispondenza elettronika mibgħuta minn Weronika M. Wilk fis-27 ta' Settembru, 2018. L-ittra tkompli taqra hekk:*

> *«Further to the matters discussed during that meeting, this letter serves as a formal warning about your employment with us.*
>
> *At the meeting you were advised that your behaviour towards your colleagues was unsatisfactory and that you were required to immediately improve your behaviour.*
>
> *As agreed, we will start to monitor your performance and we will work together to improve things. We hope to see an improvement in the near future, so that you are able to enjoy a long and rewarding career with us.*
>
> *We have been very happy with your contribution and work at Innovia so far and have confidence that this situation will not arise again.*
>
> *This is your first warning letter, but we expect it to be the last one.»*

*18. Fis-26 ta' Novembru, 2018, saret laqgħa rigwardanti l-progress tal-attriċi, liema laqgħa ġiet segwita b'korrispondenza elettronika bil-minuti tal-istess laqgħa. Minn dawn jidher li erbgħa kienu l-kwistjonijiet li ġew trattati:*

> *«a. Inability to work as part of a team*
> *b. Behaviour towards other team members*
> *c. Behaviour toward Senior Members of staff*
> *d. Lateness and not completing the contracted working hours.»*

*F'din l-istess korrispondenza hemm nota li dawn il-laqgħat «are going to happen every month for a period of 3 months to evaluate ACV's (b'riferenza għall-attriċi) progress.»*

*19. Fil-5 ta' Diċembru, 2018, jidher li saret laqgħa bejn Clara Piquer, Norfalina M. Rosli u Ines Pimparel, liema laqgħa ġiet segwita b'minuti. Minn dawn il-minuti jidher li s-suġġett prinċipali kienet l-attriċi u l-atteġġjament tagħha fil-konfront tagħhom. Aktar speċifiku ġie diskuss:*

> *«a. Inability to plan her own work jeopardizing the work of others.*
> *b. Lack of respect for others is demonstrated by cleaning*

*c. Occurrences»*

*20. Fl-10 ta' Diċembru 2018, l-attriċi ngħatat ittra, liema ittra mhux datata, bit-titlu «Formal Letter of Gross Misconduct Termination of Fixed Term Contract»:*

*«I am writing to you about your continued issues with staff and your behaviour towards your team members.*

*We have received several complaints and your behaviour has been investigated to be gross misconduct. At AquaBioTech we do not tolerate bulling in any form.*

*You have received a written warning in September, 2018, and we have had a meeting to discuss your behaviour and you explained that you will improve but to date no improvement has been observed, in fact, you attitude has not changed at all. I have now received an official complaint with regards to your behaviour. This seriousness of the complaint has escalated to this point.*

*Unfortunately, Senior Management have decided that your continued work within the company and the team is causing major issues, and we have no choice but to terminate your contract with immediate effect.»*

*21. Ir-reġistrazzjoni tat-terminazzjoni mal-Jobsplus tagħti raġuni bħala «Disciplinary Reasons» u d-data tat-terminazzjoni hija tal-10 ta' Diċembru, 2018.*

*Ikkunsidrat*

***Konsiderazzjonijiet legali***

*22. Jibda billi jiġi osservat li l-kuntratt ta' xogħol inkwistjoni huwa wieħed għal terminu ta' żmien fiss. Filwaqt li l-attriċi ssejjes l-azzjoni tagħha fuq l-**Artikolu 36(11) tal-Kapitolu 452 (Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali)** u targumenta li t-terminazzjoni tal-impjieg b'terminu ta' ngaġġ fiss, iwassal sabiex is-soċjetà konvenuta tagħmel il-ħlas kontemplat fl-imsemmi artikolu; min-naħa tagħha s-soċjetà konvenuta tinsisti li kien hemm raġuni valida għat-terminazzjoni tal-impjieg tal-attriċi.*

*23. It-terminazzjoni ta' impjieg qabel il-waqt ta' kuntratt fiss hu regolat mill-**Artikolu 36 tal-Kapitolu 452**. Ta' rilevanza huma s-**subartikolu (11)** imsemmi mill-attriċi u **s-subartikolu (14)** li jipprovdu hekk:*

*«(11) Prinċipal li jittermina kuntratt ta' impjieg ta' impjegat qabel ma jagħlaq iż-żmien speċifikat f'kuntratt ta' servizz, ikollu jħallas lill-impjegat somma li tkun daqs nofs il-paga kollha li kienet tkun tmiss lill-impjegat dwar il-bqija taż-żmien espressament miftiehem.*

*[...]*

*(14) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, prinċipal jista'*

*jibgħat impjegat b'kuntratt ta' servizz għal żmien bla limitu u l-impjegat b'kuntratt ta' servizz għal żmien bla limitu jista' jitlaq is-servizz tal-prinċipal, mingħajr ma jagħti avviż u mingħajr ebda obbligu li jagħmel ħlas kif ipprovdut fis-subartikolu (10) jekk ikun hemm raġuni tajba u biżżejjed biex dak l-impjegat jintbagħat jew jitlaq mis-servizz:*

*Iżda minkejja d-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, impjegat jista' jabbanduna kuntratt ta' servizz għal perjodu ta' żmien fiss qabel ma jagħlaq iż-żmien speċifikat fil-kuntratt u l-prinċipal jista' jittermina kuntratt ta' servizz għal perjodu ta' żmien fiss qabel ma jagħlaq iż-żmien speċifikat fil-kuntratt kif provdut fis-subartikoli (11) u (12) jekk ikun hemm raġuni valida u ġusta għal din it-tkeċċija jew abbandun.»*

*[...]*

*24. In tema legali l-Qorti tagħmel riferenza għal dak deċiż mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fid-deċiżjoni fl-ismijiet **James Buhagiar v. Jani Limited**, tas-26 ta' Jannar, 2018, fejn ingħad hekk:*

*«Fi proċeduri relatati ma' każijiet ta' unfair dismissal hu meħtieġ li jiġi determinat:*
*1. X'kienet ir-raġuni għalfejn l-impjegat tkeċċa. Prova li għandha ssir mill-prinċipal;*
*2. Jekk il-prinċipal kienx raġonevoli fid-deċiżjoni li ħa li jkeċċi lill-impjegat. Din hi materja ta' fatt li jrid jiddeċiedi dwarha t-Tribunal. Fiha hemm inklużi l-konsiderazzjoni jekk il-prinċipal kienx raġonevoli li jittratta r-raġuni bħala raġuni xierqa biex ikeċċi lill-impjegat u kienx raġonevoli li fiċ-ċirkostanzi jiddeċiedi li jkeċċi lill-impjegat.»*

*25. Qabel tqis dawn iż-żewġ elementi, il-Qorti għandha l-ewwel u qabel kollox tevalwa l-proċedura addottata mis-soċjetà konvenuta sabiex itterminat il-kuntratt ta' impjieg tal-attriċi.*

*[...]*

*31. Il-Qorti tosserva li l-kuntratt ta' impjieg ma jiddelinea ebda proċedura speċifika li għandha tiġi segwita f'każ ta' terminazzjoni tal-impjieg. L-istess kuntratt jagħmel riferenza għall-manwal bl-isem «Corporate Policy Guidelines» li jifforma parti integrali mill-kuntratt ta' impjieg. Dan id-dokument qatt ma ġie ppreżentat fil-proċeduri odjerni u għalhekk din il-Qorti mhijiex f'pożizzjoni tgħid jekk tali manwal jinkludix fih il-proċedura dixxiplinarja li għandha ssegwi s-soċjetà konvenuta.*

*32. Mhux ikkontestat li l-attriċi ingħatat twissija formali dwar l-atteġġjament tagħha u dan anke ġiet ikkonfermata bil-preżentata tal-istess ittra ta' twissija. Ingħad iżda mis-soċjetà konvenuta li apparti t-twissija formali l-attriċi kienet ingħatat numru ta' twissijiet verbali.*

*33. Is-Sur Hunter ħalef li huwa ta twissija lill-attriċi minħabba l-atteġġjament tagħha u dan kien qabel ġie ffirmat it-tieni kuntratt. Skont l-istess, l-attriċi ngħatat twissijiet oħra minn diretturi oħra li huwa sar jaf*

*bihom tramite laqgħat li saru qabel il-liċenzjament tal-attriċi, però ħalef ukoll fix-xhieda tiegħu li huwa ma kienx preżenti waqt dawk it-twissijiet. Mix-xhieda in kontroeżami tas-Sinjura Hunter imbagħad ġie ppreċiżat li t-twissijiet ingħataw mis-Sur Hunter u minn Dr. Simeon Deguara. Nafu li s-Sur Hunter ta twissija waħda verbali, però din il-Qorti ma tafx kemm-il twissija ngħatat minn Dr. Simeon Deguara u dan għaliex ħadd mill-partijiet ma sejjaħlu bħala xhud. Din il-Qorti għalhekk lanqas ma tista' tkun żgura li verament ingħataw twissijiet minn Dr. Deguara. Is-Sinjura Hunter ikkonfermat ukoll li huma qatt ma żammew rendikont tat-twissijiet verbali li allegatament ingħataw.*

*34. Din il-Qorti tqis illi f'dawn iċ-ċirkostanzi kien indikat li jinżamm rendikont tat-twissijiet verbali li ngħataw lill-attriċi u anke li tiġi segwita proċedura fissa wara li tingħata twissija verbali bħal per eżempju tali twissija tiġi segwita b'korrispondenza elettronika li fiha l-prinċipal u d-dipartiment tar-riżorsi umani jiġu informati li ngħatat twissija informali, u fiha jiġi kkupjat l-impjegat li tkun ingħatatlu t-twissija. Proċedura ferm sempliċi llum-il ġurnata bis-saħħa tat-teknoloġija.*

*35. It-terminazzjoni tal-impieg tal-attriċi segwiet laqgħa li saret fil-5 ta' Diċembru 2018, bejn il-kollegi tat-tim li kienet tifforma parti minnu l-attriċi, liema laqgħa jidher li ma saritx fil-preżenza tagħha. Din il-Qorti ma ġietx murija li l-attriċi ġiet informata b'tali laqgħa u lanqas ma jidher li ġiet informata bl-eżitu tagħha. Filwaqt li jidher u anke kkonfermat mill-attriċi stess li hija kienet ġiet informata li għandha tagħti widen aktar lill-kollegi tagħha, però dan kien seħħ biss ġimgħa qabel din il-laqgħa. Fil-laqgħa li fiha ġiet informata li għanda tagħti widen lill-kollegi u ċjoè l-laqgħa tas-26 ta' Novembru, 2018, l-attriċi tgħid li hija ġiet informata li fi żmien ġimagħtejn kienet ser isir laqgħa oħra sabiex jiġi evalwat il-progress tagħha. Ġimagħtejn wara u ċjoè fl-10 ta' Diċembru l-attriċi mbagħad ġiet imsejħa għal-laqgħa li fiha hija ġiet informata mill-ewwel li kien hemm kwistjonijiet dwar l-atteġġjament tagħha u li l-impjieg tagħha kien qiegħed jiġi terminat b'effett immedjat u waqt din il-laqgħa ngħatat l-ittra ta' tkeċċija. Tgħid li hija staqsit jekk kienx hemm mod kif tirrimedja s-sitwazzjoni però s-Sinjura Simms u s-Sinjura Hunter qalulha li ma kien hemm xejn li tista' tagħmel u li ġiet imkeċċija.*

*36. Is-Sur Hunter fil-korrispondenza datata 28 ta' Jannar, 2019, għamel dikjarazzjoni li ma ġietx maħlufa minnu però minn din il-korrispondenza jidher li sar «appeals meeting that ACV [l-attriċi] requested.» L-attriċi ma ssemmi xejn dwar din il-laqgħa però minn dak li jiddikjara s-Sur Hunter fl-istess korrispondenza jidher li ngħatat l-opportunità li tiddefendi l-pożizzjoni tagħha: «having attended the meeting I was shocked and greatly saddened to listen to Aranca effectively admit that she no idea that her actions constituted bullying or even recognise that her colleagues were so upset and frightened by her actions. For me, seeing this at the appeals meeting reinforced the decision of the company to terminate ACV's employment.»*

*37. Jidher għalhekk li l-attriċi ngħatat opportunità tippreżenta l-pożizzjoni*

*tagħha lill-prinċipal tagħha. Dan mhuwiex każ fejn min jimpjega naqas milli jagħti l-opportunità lill-impjegat jiddefendi l-pożizzjoni tiegħu qabel min iħaddem jieħu deċiżjoni.*

*38. Stabbilit illi l-attriċi ingħatat l-opportunità li tagħti l-verżjoni tagħha qabel ittieħdet id-deċiżjoni ta' tkeċċija, imiss issa li jiġi meqjus jekk ir-raġuni għat-terminazzjoni hijiex waħda ġusta.*

***Raġuni għat-terminazzjoni***

*[...]*

*43. Fil-każ odjern ġie mfisser mis-soċjetà konvenuta li r-raġunijiet li wasslu għat-tkeċċija kienu dixxiplinarji, li kienu jikkonċernaw aġir u attitudni inaċċettabbli mill-attriċi għas-soċjetà konvenuta. L-attriċi tkeċċiet wara l-ewwel twissija bil-miktub.*

*44. It-twissija formali saret wara li l-attriċi kellha tilwima ma' kollega tagħha s-Sinjura Wilk. Il-Qorti tosserva, li b'kuntrarju ta' dak magħdud f'paragrafu 15 tan-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjetà konvenuta l-akkadut bejn l-attriċi u Wilk issemma wkoll mis-Sinjura Hunter fix-xhieda tagħha: «On the 27 September 2018 we had further been informed by our QA/QC and Health and Safety Officer Weronika M. Wilk that an incident had occurred whereby Aranca had acted in a peculiar manner. This was essentially the first time that (it looks like) she had a Major melt-down. [...] This all happened, I later found out, because of Aranca's refusal to let Mark Vella (an employee of Levo Laboratories who supply and Service some of our equipment) enter one of the laboratories.» Dwar dan il-fatt m'hemmx kontestazzjoni. Inoltre ġiet ippreżentata minn Lisa Hunter mal-affidavit tagħha email li bagħtet Wilk stess fis-27 ta' Settembru, 2018 fit-14:45 lil Dr Deguara li taqra hekk: «Today Mark came to place the scale in the microbiology lab and calibrate it. Aranca''s behaviour was not acceptable in relative to Myrto, myself and Mark. Screaming and locking herself in the lab instead to normally behave.» Is-Sinjura Wilk ma ssejħitx biex tixhed mis-soċjetà konvenuta.*

*45. Apparti twissija formali, kif spjegat aktar 'il fuq, ingħad mis-Sinjura Hunter li ngħataw diversi twissijiet verbali mis-Sur Hunter kif ukoll minn Dr. Deguara. Filwaqt li Dr. Deguara qatt ma tressaq bħala xhud minn ebda parti u għalhekk m'hemm ebda konferma ta' din l-allegazzjoni magħmula mis-soċjetà konvenuta, is-Sur Hunter qal li huwa kien wissiha darba:*

> *«asked about the verbal warning I refer to, asked what warning has been given by whom and what was the one given by myself related to, I reply that I was not present when the other warning were given – one was by another director Dr. Simeon Deguara and another was given by someone else but don't have records with me. I know this through discussions held with these people before the dismissal. I don't know the chronology of these warnings but there were discussed before the final meeting with the plaintiff. Asked if I had spoken to the plaintiff or given her a warning, I reply that I spoke to her after a particular incident*

*where I told her that an issue had cropped up again despite her promises to change ger attitude. Asked if this was before or after I gave her the second contract, I reply that these warning[s] were given before the second contract.»*

*46. Kif ġa ritenut minn din il-Qorti aktar 'il fuq, rendikont tal-allegat twissijiet verbali ma nżammux u dan kif ikkonfermat mis-Sinjura Hunter waqt ix-xhieda tagħha: «asked whether we have any record of verbal warnings I reply no. A lot of these verbal warnings were given by Shane Hunter and Simeon Deguara. Asked if therefore I am referring to what these directors told me – I confirm. I was not present.»*

*47. Il-Qorti tara li kien hemm inkonsistenza fix-xhieda tas-Sinjur Hunter u tas-Sinjura Hunter. Meta s-Sur Hunter ġie mistoqsi jispeċifika x'ried ifisser meta jgħid li l-attriċi kienet tabbuża b'mod verbali lill-kollegi tagħha, huwa jgħid hekk: «I don't remember the specifics but it was in the sense that she was going to make their life hell by giving them weekend shifts, not approving their leave or making their leave difficult.» Min-naħa tagħha s-Sinjura Hunter «asked where I mention that the plaintiff was not a supervisor or manager whether in reality she was carrying out the role of a supervisor or manager I reply that I do not agree with this. There was Dr. Simeon Deguara who was the Department Manager for her Department. She did not have the managerial responsibility to take decisions for the other staff.» Għalhekk jekk l-attriċi ma kinitx tagħmel xogħol amministrattiv għaliex kien responsabbiltà ta' Dr. Simeon Deguara, ma jistax ikun lanqas li kienet tagħti shifts fi tmiem il-ġimgħa jew li ma tapprovax sahra.*

*48. M'hemmx dubju li s-superjuri tal-attriċi kellhom kull dritt jiġbdu l-attenzjoni tal-impjegata tagħhom sabiex tonora l-policies tas-soċjetà konvenuta. Ingħad mis-Sur Hunter fil-korrispondenza elettronika tiegħu tat-28 ta' Jannar 2019, fejn għamel riferenza għall-«Corporate Policy Guidelines» u għall-allegat fatt li l-istess manwal jipprovdi li: «harassment and bullying of staff will not be tolerated under any circumstances.»*

*49. Fuq il-post tax-xogħol m'għandu jkun hemm ebda forma ta' bullying, la mill-prinċipal vis-à-vis l-impjegati u lanqas l-impjegati bejniethom irrispettivament tal-grad minnhom miżmum fil-kumpanija. Ir-rispett huwa prinċipju bażilari f'kull post tax-xogħol u fuq kollox fis-soċjetà in ġenerali. Is-soċjetà konvenuta kważi kważi tinsisti li l-atteġġjament tal-attriċi kien wieħed ta' bullying, tant li anke fl-ittra ta' terminazzjoni ingħad li «At AquaBioTech we do not tolerate bulling in any form.»*

*50. Bullying huwa att li jikkawża ħsara lil ħaddieħor, u jista' jinvolvi fastidju verbali, theddid verbali jew mhux verbali, attakk fiżiku, stalking, jew metodi oħra ta' sfurzar bħal manipulazzjoni, rikatt, jew estorsjoni. Hija imġiba aggressiva li għandha l-intenzjoni li tweġġa', thedded jew tbeżża' persuna oħra.*

*51. Għalkemm din l-azzjoni hija bejn partijiet privati u m'hemm ebda*

*involviment tas-servizz pubbliku, il-Qorti xorta tqis li jkun rilevanti ssir riferenza għad-definizzjoni mogħtija għal bullying fis-servizz pubbliku: «Bullying occurs when an individual experiences persistent negative behaviour, ranging from negative verbal comments to negative physical contact, which could psychologically, emotionally or physically hurt or isolate that person at the workplace. It usually involves repeated incidents, or a pattern of behaviour intended to intimidate, offend, degrade or humiliate a particular person or group of people. It may also be described as the assertion of power through aggression.»*

*52. Il-liġi Maltija dwar ix-Xogħol ma tagħmilx riferenza diretta għal bullying però tipprovdi dwar harassement. Il-fatt waħdu li l-liġi Maltija ma ssemmi xejn dwar bullying ma jfissirx li jekk kommess minn impjegat ma jwassalx għal sanzjonijiet ta' dixxiplina nkluż terminazzjoni tal-impjieg.*

*53. Filwaqt li l-Qorti tqis li l-atteġġjament tal-attriċi lejn il-kollegi tagħha ħoloq diżaġju fuq il-post tax-xogħol, fl-istess ħin is-soċjetà konvenuta naqset milli tressaq provi konvinċenti li verament kien kommess bullying mill-attriċi. Fl-ordnijiet li l-attriċi kienet tagħti lis-subalterni tagħha l-Qorti ma tirriskontrax l-elementi ta' bullying. Lanqas fl-inabbiltà li tippjana l-ġurnata tax-xogħol tagħha. Il-Qorti tagħmel riferenza għal dawn proprju għaliex huma l-kwistjonijiet li jidher li qamu waqt il-laqgħa li kien hemm fil-5 ta' Diċembru, 2018, bejn il-kollegi tal-attriċi. La s-Sur Hunter, la s-Sinjura Hunter u lanqas is-Sinjura Georopoulo qatt kienu preżenti għall-allegat atteġjament tal-attriċi. Filwaqt li s-Sinjura Georopoulo tgħid li kien hemm istanzi fejn l-attriċi kienet tgħid li l-kollegi tagħha «could not do anything but that she had to do everything herself» is-Sinjuri Hunter qatt ma rat jew semgħet direttament l-allegazzjonijiet magħmula minn żewġ mill-kollegi tal-attriċi.*

*54. Fil-fehma tal-Qorti it-tkeċċija tal-attriċi ma kinitx waħda proporzjonata. Għalkemm l-aġir tal-attriċi fil-konfront tal-kollegi tagħha wera nuqqas ta' rispett, l-istess aġir ma kellux iwassal għat-tkeċċija. Din il-Qorti hi tal-fehma illi filwaqt li fiċ-ċirkostanzi kif irriżultaw f'dawn il-proċeduri s-soċjetà konvenuta kienet intitolata li tieħu miżuri dixxiplinarji dwar dak li ġie ppruvat, fl-istess ħin tqis illi ma kellhomx iwasslu għas-sanzjoni estrema tat-tkeċċija mix-xogħol.*

*55. Is-soċjetà konvenuta setgħet issospendiet lill-attriċi għall-perjodu ta' żmien b'nofs paga; setgħet ordnat lill-attriċi tattendi laqgħat ma' professjonist appożitu sabiex jgħinha fil-komportament tagħha; setgħet ukoll tagħtiha t-tieni twissija formali u tagħmilha ċara li kienet ser tkun l-aħħar twissija, setgħet se mai tiġi trasferita għal qasam ieħor jew ibidlulha l-membri tat-tim. Apparti wkoll li Georopoulo, assistenta tad-Direttur għar-Riżorsi Umani, tgħid li l-attriċi ammettiet magħha li kienet stressjata. Ma jidhirx li s-soċjetà konvenuta għamlet xi ħaġa sabiex tgħinha f'dan ir-rigward nonostante li kienet taf b'dan il-fatt. M'hemmx għalfejn jingħad li l-istress jikkawża atteġġjament negattiv li jaffettwa mhux biss il-persuna li tintlaqat mill-istress iżda wkoll lil dawk ta' madwarha.*

*56. Mill-atti jirriżulta mingħajr ebda ombra ta' dubju li x-xogħol li kienet tagħmel l-attriċi fl-interess tas-soċjetà konvenuta kien tal-aqwa livell u bħala tali ġie rikonoxxut mis-soċjetà konvenuta. F'ċirkostanzi bħal dawn min iħaddem għandu jiżen it-tajjeb versu l-ħażin fl-imġiba tal-impjegat.*

*57. Ingħad fil-ktieb* ***«The Law of Unfair Dismissal»*** *ta'* ***Steven D Anderman*** *(it-tielet edizzjoni, paġna 143) li: «Any important circumstance that mitigates the fault of the employee or otherwise calls into question the wisdom of dismissal should be taken into account in any reasonable decision to dismiss: for example, an employee's past record of good service, an explanation or excuse, provocation or inadvertence, a lowering of standards induced by the employment setting or the extent to which management by its own action or inaction was itself partly to blame for the employee's alleged deficiencies.»*

*58. Is-Sinjuri Hunter insistew li l-attriċi kienet tajba ħafna fix-xogħol tagħha u dejjem kellhom kliem ta' tifħir f'dan ir-rigward. Anke kollegi oħra kellhom kliem ta' tifħir fosthom Ines Pimparel u dan jidher mill-korrispondenza elettronika bil-minuti tal-laqgħa mibgħuta fis-26 ta' Novembru, 2018: «I would like to say that you are an excellent worker (as both me and Pamela told you in the meeting). I am very proud of the work we did for the EnviGuard project. I received a lot of compliments.» Nonostante dan il-fatt, is-soċjetà konvenuta donnha qieset biss l-allegat atteġġjament negattiv fil-konfront tal-kollegi. Għajr għall-allegazzjonijiet fuq imsemmija ma jidhirx li kien hemm kwistjonijiet oħra li setgħu flimkien mal-allegazzjonijiet fuq imsemmija wasslu sabiex it-tkeċċija tiġi meqjusa bħala waħda ġustifikata.*

*59. Il-Qorti għaldaqstant tasal sabiex tikkonkludi li l-liċenzjament tal-attriċi mis-soċjetà konvenuta ma kienx ġustifikat u konsegwentement is-soċjetà konvenuta kissret il-kuntratt tax-xogħol li kellha mal-attriċi.*

***Kumpens***

*60. Mill-kuntratt ta' impjieg jirriżulta li l-attriċi kellha salarju gross ta' €21,076.56 fis-sena. L-**Artikolu 36(11) tal-Kapitolu 452** jipprovdi li meta l-prinċipal itemm l-impjieg, huwa għandu «jħallas lill-impjegat somma li tkun daqs nofs il-paga kollha li kienet tkun tmiss lill-impjegat dwar il-bqija taż-żmien espressament miftiehem.»*

*61. L-attriċi kien jonqosha 21 xahar u 21 ġurnata sabiex il-kuntratt ta' impjieg jiġi fi tmiemu. Ai termini tas-subartikolu sukwotat, l-attriċi jmissha nofs is-salarju li kienet ser idaħħal f'dawk ix-xhur:*

$$\left(\frac{€21{,}076.56}{12} \times 21 = €36{,}883.98\right) + \left(\frac{€21{,}076.56}{356} \times 21 = €1{,}243.28\right)$$
$$= €38{,}127.26$$

$$\frac{€38,127.26}{2} = €19,063.63$$

> *62. Il-Qorti għalhekk tillikwida l-kumpens fis-somma ta' dsatax il-elf, u tlieta u sittin ewro u tlieta u sittin ċenteżmu (€19,063.63).»*

9. Il-kumpanija konvenuta AquaBioTech Limited ma qablitx ma' din is-sentenza, u b'rikors tal-appell tas-26 ta' Marzu, 2024, ilmentat li s-sentenza tal-Ewwel Qorti ma tiswiex għaliex hija milquta bil-vizzju tal-*ultra petita.* Tat ukoll x'jinftiehem li l-Ewwel Qorti setgħet qatgħet il-kawża mingħajr ma kellha l-provi kollha quddiemha, u filwaqt li qajmet ukoll aggravju fil-mertu, fis-sens li l-konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti huma f'kull każ żbaljati fuq apprezzament ħażin tal-provi, AquaBioTech Limited talbet lil din il-Qorti tal-Appell sabiex: (i) tħassar is-sentenza appellata għar-raġuni li ma tiswiex; (ii) tiddeċiedi li t-tkeċċija tal-attriċi appellata mill-impjieg kienet waħda ġusta u skont il-liġi; jew inkella (iii) tibgħat l-atti tal-kawża lura lill-Ewwel Qorti sabiex tqis mill-ġdid il-provi kollha u tordna li jiddaħħlu fl-atti tal-kawża *«dawk il-provi li jibqgħu ma jinstabux.»*

10. Bi tweġiba mressqa fl-10 ta' Mejju, 2024, l-attriċi appellata fissret li s-sentenza appellata hija siewja u ġusta, u konsegwentement talbet lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell ta' AquaBioTech Limited, bl-ispejjeż kontriha.

11. Bil-għan li tikseb iktar tagħrif dettaljat dwar l-atti tal-kawża, fis-7 ta' April, 2025, din il-Qorti tat digriet kamerali li bih ordnat lil AquaBioTech

Limited sabiex tressaq b'nota dawk l-affidavits li qajmet dubju dwar jekk iddaħlux fl-atti tal-kawża. Min-naħa 'l oħra, il-Qorti ordnat ukoll lill-avukati tal-attriċi, sabiex wara li jiġu notifikati b'dawk l-affidavits, jiddikjaraw jekk tali affidavits humiex l-istess bħal dawk li għamlu l-kontroeżamijiet dwarhom.

12. B'nota tal-14 ta' April, 2025, AquaBioTech Limited ressqet kopja tal-affidavits ta': (i) Shane Hunter; (ii) Myrto Georgopoulou; (iii) Ines Carvalho Pimparel; (iv) Norfalina binte Mohamed Rosli; u (v) Clara Piquer.

13. B'nota oħra mressqa fl-istess jum, l-Avukat tal-attriċi stqarret li hija għandha fil-pussess tagħha kopja identika ta' dawk l-istess affidavits li ġew ippreżentati minn AquaBioTech Limited. Fissret li hija kienet irċeviet kopja ta' dawk l-affidavits waqt il-mixi tal-kawża, u kkonfermat li tali affidavits huma l-istess li saru l-kontroeżamijiet dwarhom. B'danakollu, iċċarat li hija mhijiex f'qagħda li tgħid b'ċertezza jekk l-istess affidavits ġewx ippreżentati fir-Reġistru tal-Qorti, għaliex hija ma rċevietx kopja tagħhom permezz ta' notifika formali. Fid-dawl ta' dan, għalqet billi tgħid li l-kumpanija appellanti kellha tipprova li hija tabilħaqq ippreżentat dawk l-affidavits fir-Reġistru tal-Qorti.

14. Il-Qorti, wara li qieset dan kollu flimkien ma' dak li hemm fl-atti tal-

kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ, u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

15. AquaBioTech Limited qiegħda taqsam ir-rikors tal-appell tagħha f'żewġ aggravji. L-ewwel aggravju huwa dwar li s-sentenza appellata hija maħkuma mill-vizzju tal-*ultra petita,* filwaqt li t-tieni aggravju huwa dwar li l-Ewwel Qorti qatgħet il-kawża kontriha kemm fuq apprezzament żbaljat tal-provi, kif ukoll għaliex seta' ma kellhiex quddiemha l-provi kollha li qiegħda tgħid li ressqet quddiem l-Assistent Ġudizzjarju.

16. Minħabba x-xorta tagħhom, il-Qorti sejra tkun qiegħda tindirizza dawn l-aggravji, fl-istess ordni li tqajmu fir-rikors tal-appell.

17. Nibdew bl-**ewwel aggravju** ta' AquaBioTech Limited li fih qiegħda targumenta li s-sentenza appellata ma tiswiex għaliex hija milquta bil-vizzju tal-*ultra petita.*

18. Fl-ewwel lok, AquaBioTech Limited targumenta li l-Ewwel Qorti ma kellhiex għalfejn tiżra' d-dubju dwar jekk hija mxietx mal-proċeduri dixxiplinarji msemmija fil-linji gwida tal-*policies* tagħha (*corporate policy*

*guidelines*). Tenfasizza li l-attriċi ma ressqet l-ebda lment fis-sens li t-tkeċċija tagħha saret bi ksur ta' dawk il-proċeduri, u lanqas ma ressqet xi prova li ma mxietx ma' dawk il-proċeduri. Tgħid li la l-attriċi u wisq inqas l-Ewwel Qorti ma talbuha tressaq kopja ta' dawk il-linji gwida, u fid-dawl ta' dan tirraġuna li ma kienx xi nuqqas tagħha li l-Ewwel Qorti ma kellhiex quddiemha kopja ta' dawk il-linji gwida.

19. Fit-tieni lok, AquaBioTech Limited issostni li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tqis bħala *«nuqqas»* il-fatt li hija ma ressqitx lil Dr. Simeon Deguara, li jiġi wieħed mid-diretturi tagħha, sabiex jixhed. Tfisser li hija ma ressqitx lil Dr. Deguara bħala xhud għaliex għażlet li tressaq bħala xhieda lil tnejn minn fost l-erba' diretturi tagħha, li kellhom l-ikbar involviment u għarfien dwar il-każ. F'dan is-sens, tenfasizza li l-involviment ta' Deguara ġie *«korroborat»* bix-xhieda ta' dawn iż-żewġ diretturi, u targumenta li: *«kwalsiasi kontradizzjonijiet max-xhieda kif miġjuba [minnha] ma kellhomx jitqajmu fis-sentenza.»*

20. Fil-fehma tal-Qorti dan l-aggravju mhux biss mhuwiex mistħoqq, anzi jxaqleb lejn il-fieragħ.

21. Jibda billi jingħad li, skont il-liġi, il-vizzju tal-*ultra petita* jirreferi għal dawk is-sitwazzjonijiet fejn: *«bis-sentenza jkun ġie mogħti iżjed minn dak li ntalab»* (ara l-**Artikolu 811(g) tal-Kodiċi Ta' Organizzazzjoni u**

**Proċedura Ċivili**). Deċiżjoni *ultra petita* hija għalhekk waħda mogħtija skont dak mitlub, però li jingħata fiha iktar milli jkun oriġinarjament intalab (ara ***Alfred Ciantar v. Joseph Tabone*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2024 u ***Raymond Grasso v. Methode Electronics Malta Limited et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Marzu, 2024).

22. Il-kwistjoni dwar jekk sentenza tkunx maħkuma mill-vizzju tal-*ultra petita* jew le tiddependi għalhekk minn dak li fl-aħħar mill-aħħar jkun ġie deċiż fid-dispożittiv tas-sentenza, u mhux daqstant mir-raġunijiet li għalihom il-Qorti tkun wasslet għad-deċiżjoni finali tagħha (ara ***Noel Attard v. Peter Theuma et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' April, 2008).

23. Ir-raġuni wara dan hija għaliex, skont l-**Artikolu 219 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, kull deċiżjoni li ma tiddaħħalx fil-parti dispożittiva ta' sentenza, la hija deċiżiva u wisq inqas obbligatorja (ara wkoll ***Middlesea Insurance p.l.c. v. Emanuel Ciantar et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Ġunju, 2021).

24. Ifisser b'hekk, li kull ilment dwar l-ultrapetizzjoni, għandu jissejjes fuq dak li jitniżżel fil-parti dispożittiva tas-sentenza, u mhux fuq dak li jingħad fil-konsiderazzjonijiet.

25. Fil-każ tal-lum, ir-raġunijiet li dwarhom AquaBioTech Limited qiegħda tqis li s-sentenza appellata hija maħkuma mid-difett tal-*ultra petita,* m'għandhom x'jaqsmu xejn ma' dak deċiż fid-dispożittiv tas-sentenza appellata. Mod ieħor, dawn sempliċement jirreferu għal uħud mill-konsiderazzjonijiet jew aħjar osservazzjonijiet li saru mill-Ewwel Qorti waqt l-eżerċizzju tal-għarbiel tal-provi.

26. Pereżempju sa fejn għandhom x'jaqsmu r-riferenzi lejn il-*«corporate policy guidelines»*, l-Ewwel Qorti sempliċement ikkummentat li hija ma kinitx: *«f'pożizzjoni tgħid jekk tali manwal jinkludix fih il-proċedura dixxiplinarja li għandha ssegwi s-soċjetà konvenuta»* u dan billi ma tressqitx kopja ta' dak il-manwal fl-atti tal-kawża. B'din l-osservazzjoni, l-attriċi appellata ma ngħatat xejn iktar minn dak li talbet, u kull ilment fir-rigward m'għandu għalhekk x'jaqsam xejn mad-difett tal-ultra petizzjoni.

27. Daqshekk ieħor l-attriċi ma ngħatat xejn iżjed minn dak mitlub minnha, f'dik il-parti tas-sentenza li fiha l-Ewwel Qorti osservat li ħadd mill-partijiet ma ressaq lil Dr. Simeon Deguara sabiex jixhed. Din l-osservazzjoni saret biss mill-Ewwel Qorti sabiex tfisser għalfejn hija kienet qiegħda tasal għall-fehma li AquaBioTech Limited ma seħħilhiex tipprova li Dr. Simeon Deguara kien ukoll wissa lill-attriċi bil-fomm dwar l-imġiba tagħha. Dan l-ilment huwa għalhekk ukoll b'rabta mal-eżerċizzju

tal-għarbiel tal-provi, u għaldaqstant anke hawnhekk id-difett tal-ultrapetizzjoni ma jidħol imkien.

28. L-ewwel aggravju ta' AquaBioTech Limited huwa għalhekk manifestament ħażin u għal dawn ir-raġunijiet kollha qiegħed jiġi miċħud.

29. Ngħaddu issa għat-**<u>tieni aggravju</u>** ta' AquaBioTech Limited, li fih qiegħda tilmenta dwar il-fatt li l-Ewwel Qorti qatgħet il-kawża kontriha kemm fuq apprezzament ħażin tal-provi, kif ukoll għaliex seta' kien il-każ li ma kellhiex quddiemha l-atti kollha tal-kawża.

30. Dwar l-ilment li l-Ewwel Qorti qatgħet il-kawża mingħajr ma kellha l-atti tal-kawża kollha quddiemha, il-kumpanija appellanti qiegħda tirreferi għall-affidavits ta' Shane Hunter, Myrto Georgopoulou, Ines Carvalho Pimaprel, Norfalina binte Mohammed Rosli, Clara Piquer, kif ukoll għal nota li tgħid li ressqet f'Jannar 2021, u filwaqt li tilmenta li dawn *«ġew kompletament injorati»* mill-Ewwel Qorti, targumenta li jekk kemm-il darba seħħ xi żball fis-sens li l-Assistent Ġudizzjarju naqas milli jdaħħal dawk il-provi fl-atti tal-kawża, hija m'għandhiex tbati għal dak in-nuqqas, u għalhekk din il-Qorti għandha tibgħat l-atti lura quddiem l-Ewwel Qorti sabiex tqis ukoll dawk il-provi.

31. Mill-bqija, u sa fejn il-kumpanija appellanti qiegħda tilmenta minn

apprezzament żbaljat tal-provi, AquaBioTech Limited targumenta li l-Ewwel Qorti ma tatx biżżejjed piż lill-imġiba ħażina tal-attriċi appellata, kif ukoll żbaljat fejn qalet li hija setgħet indirizzat il-kwistjoni b'modi oħra, minflok b'dak tat-tkeċċija.

32. Fuq il-provi dwar l-imġiba ħażina tal-attriċi, AquaBioTech Limited tibda billi tirreferi lejn ix-xhieda ta' Ines Carvalho Pimparel, kif ukoll ta' Myrto Georgopoulou, u tgħid li dawn ikkonfermaw kif tassew kien hemm numru ta' ħaddiema li marru jilmentawlhom dwar il-mod ta' kif l-attriċi kienet qiegħda ġġib ruħha magħhom. Issostni li minn din ix-xhieda hija rnexxilha turi kif l-imġiba tal-attriċi lejn il-kollegi tagħha u ta' taħtha kienet tabilħaqq *«dispreġġjanti, negattiva u tikkostitwixxi f'bullying.»*

33. Il-kumpanija appellanti tirreferi wkoll lejn id-dikjarazzjonijiet ta' Norfalina binte Mohamed Rosli u ta' Clara Piquer, li kienu wkoll kollegi tal-attriċi u jaħdmu magħha fl-istess tim. Tfisser li min-naħa tagħha, Rosli kkonfermat li għalkemm l-attriċi kienet tmaqdarha ħafna dwar xogħolha u tgħidilha li ma kinitx tajba biżżejjed, però fl-istess waqt hija kienet imbagħad tafdaha meta kien jaqblilha, bħal ngħidu aħna, fi tmiem il-ġimgħa jew inkella meta kienet tkun sejra toħroġ mix-xogħol fuq safar. Tgħid li anke Piquer semmiet l-istess sitwazzjonijiet, u fuq l-ilment li l-Ewwel Qorti naqset milli tqis dan kollu, AquaBioTech Limited targumenta li s-sentenza appellata mhijiex motivata.

34. F’dan il-qafas, AquaBioTech Limited tisħaq li l-Ewwel Qorti ma kellhiex toqgħod fuq ix-xhieda tal-attriċi minflok fuq il-verżjonijiet tax-xhieda tagħha. Targumenta li mix-xhieda tal-attriċi ħarġu bosta inkonsistenzi, bħal pereżempju filli qalet li ma tafx x’kienet il-problema dwar l-imġiba tagħha, u mbagħad fil-kontroeżami stqarret li l-maniġer tar-riżorsi umani kienet tabilħaqq qaltilha li kien hemm bosta aspetti mill-imġiba tagħha li riedu jitjiebu. Tfakkar, li fuq kollox, l-attriċi stess stqarret fil-kontroeżami li hija kienet taf li kellha ħafna fejn setgħet titjieb fejn tidħol il-ħidma tagħha fi grupp (*teamwork*) u saħansitra ammettiet li jiddispjaċiha dwar dak li għamlet.

35. Tissokta billi tisħaq li dan mhuwiex xi każ fejn hija qabdet u temmet l-impjieg tal-attriċi ħabta u sabta, bla ma tatha ċans tbiddel l-imġiba tagħha fil-konfront ta’ sħabha. Tfisser li hija ħadet id-deċiżjoni ta’ tkeċċija wara bosta xhur u laqgħat mal-attriċi, li fihom ippruvat tgħinha ttejjeb l-imġiba tagħha u tkun iktar kapaċi taħdem fi grupp. Iżżid li hija tat ukoll lill-attriċi bosta twissijiet, sew bil-fomm kif ukoll bil-miktub, u tilmenta li l-Ewwel Qorti naqset milli tqis dan kollu.

36. Ilment ieħor ta’ AquaBioTech Limited huwa li l-Ewwel Qorti saħansitra żbaljat fl-osservazzjoni tagħha li kemm l-ittra tat-twissija kif ukoll dik dwar l-avviż tat-tmiem tal-impjieg ma kinux datati. F’dan is-sens,

il-kumpanija appellanti targumenta li tali iżball seta' wassal lill-Ewwel Qorti sabiex iddubitat bla bżonn il-verżjoni tagħha u r-raġonevolezza dwar id-deċiżjoni tagħha li ġġib fi tmiemu l-impjieg tal-attriċi.

37. Skont il-kumpanija appellanti, l-Ewwel Qorti żbaljat ukoll f'paragrafu 17 tas-sentenza appellata u sewwasew f'dik il-parti fejn irreferiet għal Weronika M. Wilk bħala 's-sieħba' ta' Pierre Otto. Tfisser li din kienet biss allegazzjoni miġjuba mill-attriċi u minbarra tinsisti li hija qatt ma ammettiet dan, tistqarr li hija ma kellhiex iċ-ċans li tmeri dik l-allegazzjoni, għaliex hija kienet diġà għalqet il-provi tagħha meta l-attriċi semmiet dan.

38. F'dan il-kwadru, il-kumpanija appellanti tenfasizza li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tikkonkludi li s-sanzjoni ta' tkeċċija ma kinitx waħda proporzjonata meta mqabbla mal-imġiba ħażina tal-attriċi. Tinsisti li kienet l-attriċi, bil-karattru diffiċli tagħha, li poġġietha dahra mal-ħajt sal-punt li ma kienx fadlilha triq oħra għajr li tkeċċija mill-impjieg.

39. Tfisser ukoll li hija lanqas ma kienet f'xi qagħda li tagħti lill-attriċi xi post ieħor ta' xogħol, u dan kemm għaliex fi żmien ta' meta ġara l-każ, hija kienet tħaddem ħafna inqas nies milli tħaddem illum, kif ukoll għaliex l-attriċi kellha xogħol speċifiku ta' veterinarju, u b'hekk setgħet taħdem biss ma' grupp ta' ħaddiema partikolari.

40. Tissokta billi tgħid li lanqas hija stess ma xtaqet li tkeċċi lill-attriċi mix-xogħol, għaliex hija kienet kuntenta b'ħidmietha, madankollu l-imġiba ħażina tagħha fil-konfront tal-kollegi, ma ħallitilha l-ebda għażla oħra ħlief li twaqqafha mix-xogħol.

41. Fid-dawl ta' dan, il-kumpanija appellanti ssostni li hija keċċiet lill-attriċi appellata għaliex riedet tħares lill-impjegati kollha tagħha, kif ukoll l-interessi tan-negozju. Tinsisti, li bħala prinċipal, hija kellha bilfors tieħu azzjoni kontra l-attriċi għaliex ma setgħetx tħalli sitwazzjoni fejn waħda mill-impjegati tagħha kienet qiegħda tagħmel il-ħsara lill-impjegati l-oħra, bir-riskju li tinżamm responsabbli għal dik il-ħsara, jew inkella bil-konsegwenza li titlef bosta mill-impjegati tajbin tagħha.

42. Tikkonkludi li l-Ewwel Qorti kellha issib li hija temmet il-kuntratt definit ta' impjieg tal-attriċi għal *«raġuni serjissima»*, u fl-isfond ta' dan kollu, tinsisti li hija mhux biss ma kissritx il-kuntratt tal-impjieg tal-attriċi, iżda wkoll imxiet f'kull waqt b'rieda tajba u fl-interess tal-bqija tal-impjegati tagħha.

43. Nibdew bl-ewwel kwistjoni u sewwasew dik b'rabta mal-ilment li l-Ewwel Qorti setgħet iddeċidiet il-każ mingħajr ma kellha aċċess sħiħ għall-provi kollha, li AquaBioTech Limited qiegħda tgħid li ressqet

quddiem l-Assistent Ġudizzjarju.

44. Hawnhekk il-kumpanija appellanti qiegħda tixħet dubju dwar jekk l-Ewwel Qorti kellhiex quddiema n-nota li tgħid li ressqet f'Jannar, 2021, kif ukoll l-affidavits ta' Shane Hunter, Myrto Georgopoulou, Norfalina M. Rosli, Clara Piquer u Ines C. Pimparel, għar-raġuni li fi kliemha, dawn *«ġew kompletament injorati»* mill-Ewwel Qorti.

45. Sa fejn għandha x'taqsam in-nota mressqa f'Jannar tas-sena 2021, il-Qorti rat li din tinsab f'paġna 85 tal-atti tal-kawża, u għalhekk żgur u mhux forsi li tali nota kienet tifforma parti mid-dokumenti li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti meta ġiet biex tagħti s-sentenza appellata.

46. Għalkemm veru li l-Ewwel Qorti m'għamlitx riferenzi diretti għal dik in-nota, b'daqshekk ma jfissirx però li l-Ewwel Qorti *«injorat»* tali nota jew inkella naqset milli tqisha. Meta tiġi biex tfassal is-sentenza, il-Qorti m'għandhiex għalfejn toqgħod tirreferi għal kull dokument jew xhieda li tkun rat jew qieset (ara ***Paul Attard v. Direttur Ġenerali (Dwana)*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Marzu, 2022), u dan billi għall-għanijiet ta' motivazzjoni ta' sentenza huwa biżżejjed li jingħataw dawk ir-raġunijiet li fuqhom il-Qorti tkun sejset id-deċiżjoni tagħha (ara l-**Artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili)**.

47. Ma jistax però jingħad l-istess għall-affidavits ta' Shane Hunter, Myrto Georgopoulou, Norfalina M. Rosli, Clara Piquer u Ines C. Pimparel. Dan għaliex hawnhekk, l-Ewwel Qorti stess għamlitha ċara li hija ma sabitx dawk affidavits fl-atti, u kulma sabet kienu biss dikjarazzjonijiet mhux maħlufa li ntbagħtu b'*email* lil Lisa Hunter, u ġew mehmuża flimkien mal-affidavit tagħha (ara paragrafi 9, 10 u 11 tas-sentenza appellata).

48. Minkejja dan kollu, jibqa' però l-fatt li l-Ewwel Qorti xorta waħda ma żammitx lura milli tqis il-kontroeżamijiet li saru b'rabta ma' dawk l-istess affidavits (erġa' ara paragrafi 9, 10 u 11 tas-sentenza appellata, kif ukoll in-nota tal-attriċi tal-14 ta' April, 2025).

49. Kif tifhimha din il-Qorti, ġaladarba l-Ewwel Qorti tajjeb jew ħażin għażlet li tqis il-kontroeżamijiet li saru b'riferenza għall-affidavits inkwistjoni, hija kienet qiegħda direttament jew indirettament tagħraf li dawk l-affidavits tabilħaqq jeżistu u jiffurmaw ħaġa waħda mill-atti tal-kawża, u dan billi l-liġi stess titlob li: *«fil-kontroeżami, ix-xhud <u>jista' jiġi mistoqsi biss dwar il-fatti li fuqhom ikun xehed fl-eżami</u>...»* (ara l-**Artikolu 580(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**).

50. L-istess raġunament għandu jgħodd b'iktar qawwa għall-attriċi appellata, għaliex li kieku l-affidavits inkwistjoni ma kinux jiffurmaw parti mill-atti tal-kawża, hija ma kienx ikollha fuq xiex tagħmel il-

kontroeżamijiet. Bil-fatt waħdu li l-attriċi għamlet il-kontroeżamijiet fuq l-affidavits ta' Shane Hunter, Myrto Georgopoulou, u Norfalina M. Rosli, kif ukoll reġistrat f'verbal ix-xewqa li tagħmel il-kontroeżami lil Ines C. Pimparel u lil Clara Piquer fuq l-affidavit rispettiv tagħhom, l-attriċi kienet qiegħda wkoll taċċetta li dawk l-affidavits tabilħaqq jiffurmaw parti mill-atti tal-kawża. Ġaldarba l-attriċi għażlet dik it-triq, hija ma tistax issa tipprova ddawwar l-arloġġ lura u tippretendi li l-kumpanija appellanti għandha għalfejn tressaq xi prova li hija ppreżentat l-affidavits inkwistjoni fir-Reġistru tal-Qorti.

51. F'ċirkostanzi bħal dawn, kien ikun ħafna iktar għaqli li kieku qabel ma għaddiet għas-sentenza, l-Ewwel Qorti żgurat li l-affidavits li jirreferu għalihom il-kontroeżamijiet jidħlu fl-atti, jew inkella tiċċara għalfejn l-Assistent Ġudizzjarju ppermetta li jsiru kontroeżamijiet fuq affidavits li mhumiex fl-atti, biex fil-każ tisfilza l-kontroeżamijiet.

52. Ġaladarba l-Ewwel Qorti ma sfilzatx il-kontroeżamijiet, l-Ewwel Qorti ma kellhiex tgħaddi għas-sentenza mingħajr ma jkollha dawk l-affidavits fl-atti u għalhekk ma jistax jingħad li ma kienx hemm xi nuqqas min-naħa tal-Ewwel Qorti.

53. B'daqshekk però ma jfissirx li din il-Qorti għandha minnufih issib li s-sentenza appellata ma tiswiex u terġa' tibgħat l-atti tal-kawża lura

quddiem l-Ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi l-kawża mill-ġdid.

54. Mod ieħor, huwa biss jekk in-nuqqas inkwistjoni ġab xi preġudizzju fuq il-kumpanija appellanti li din il-Qorti għandha tgħaddi biex tannulla s-sentenza appellata.

55. Fil-fehma ta' din il-Qorti, in-nuqqas imsemmi ma seta' ġab l-ebda ħsara fuq AquaBioTech Limited, u dan billi bħala kontenut, il-ħames affidavits li issa qegħdin fl-atti (ara n-nota ta' AquaBioTech Limited tal-14 ta' April, 2025), ma jinkludu fihom l-ebda informazzjoni 'ġdida', li l-Ewwel Qorti ma kellhiex diġà quddiemha.

56. Fis-sewwa, il-ħames affidavits li tressqu flimkien man-nota tal-14 ta' April, 2025, jikkonsistu biss f'sempliċi konferma bil-ġurament <u>tal-istess</u> stqarrijet li AquaBioTech Limited kienet diġà ressqet kopja tagħhom flimkien mal-affidavit ta' Lisa Hunter (ara l-affidavit ta' Lisa Hunter minn paġna 58 sa 84 tal-atti tal-kawża).

57. Biex jingħata eżempju, id-dikjarazzjoni li ġiet maħlufa bl-affidavit ta' Shane Hunter, hija l-istess waħda li ġiet mehmuża mal-affidavit ta' Lisa Hunter u mmarkata bħala «Dok L» (f'paġna 84 tal-atti tal-kawża).

58. Bl-istess mod, id-dikjarazzjonijiet maħlufa fl-affidavits ta' Ines C.

Pimparel, Norfalina M.Rosli, Clara Piquer u Myrto Georgopoulou, huma kelma b'kelma l-istess bħad-dikjarazzjonijiet li ntehmżu flimkien mal-affidavit tal-Lisa Hunter u mmarkati bħala: «Dok J» (f'paġna 81), «Dok H» (f'paġni 77 u 78), «Dok 1K» (f'paġni 82 u 83), u «Dok I» (f'paġna 79), rispettivament.

59. Issa għalkemm huwa kollu minnu li d-dikjarazzjonijiet li ġew mehmuża flimkien mal-affidavit ta' Lisa Hunter kienu għadhom ma ġewx maħlufa mill-awturi tagħhom, u għalhekk l-Ewwel Qorti ma setgħetx tqishom bħala 'affidavits', jibqa' xorta waħda l-fatt, li bil-ġurament jew mingħajrhom, l-Ewwel Qorti xorta waħda setgħet tieħu qies tal-kontenut kollu tagħhom kif ukoll tieħu stampa ċara ta' dak li allegatament seta' ġara u ma ġarax. Li ma kienx hekk, l-Ewwel Qorti ma kinitx tagħmel bosta riferenzi lejn id-dikjarazzjoni ta' Shane Hunter li ntehmżet flimkien mal-affidavit ta' Lisa Hunter (ara paragrafi 36 u 48, f'paġni 21,22 u 26 tas-sentenza appellata).

60. L-istess jista' jingħad għas-sensiela ta' korrispondenza elettronika b'*emails* li ġiet mehmuża flimkien mal-affidavit ta' Ines C. Pimparel, kif ukoll ir-rapport dwar l-inċident ta' Settembru, 2018, li Myrto Georgopoulou hemżet flimkien mal-affidavit tagħha. Dawn id-dokumenti kienu wkoll mehmuża flimkien mal-affidavit ta' Lisa Hunter (ara Dok B, D, E, F u G, minn paġni 67 sa 68 u 70 sa 76 tal-atti tal-kawża), u għalhekk l-Ewwel

Qorti kienet ukoll taf bihom. Tassew, l-Ewwel Qorti għamlet iktar minn riferenza waħda għal dawn id-dokumenti (ara b'eżempju paragrafi 18, 19, 35, 58 f'paġni 14, 21, u 29 tas-sentenza appellata), u għalhekk ma jistax ikun li l-Ewwel Qorti ma qisitx id-dikjarazzjonijiet u d-dokumenti li ġew mehmuża fl-imkien mal-affidavit ta' Lisa Hunter.

61. Minn dan kollu, il-Qorti qiegħda tasal għal fehma li l-affidavits li tressqu bin-nota tal-14 ta' April, 2025, ma jżidu xejn iktar ta' sustanza ma' dak li l-Ewwel Qorti diġà kellha quddiemha, u għaldaqstant din il-Qorti jidhirlha li b'dawk l-affidavits jew mingħajrhom, l-Ewwel Qorti xorta waħda kienet sejra tasal għall-istess konklużjonijiet li wasslet għalihom.

62. F'ċirkostanzi bħal dawn, l-għoti tas-sentenza fin-nuqqas tal-affidavits inkwistjoni fl-atti, ma seta' għalhekk ġab l-ebda preġudizzju jew xi forma ta' żvantaġġ fuq il-kumpanija appellanti, u għaldaqstant din il-Qorti mhijiex sejra tkun qiegħda tannulla s-sentenza appellata kif mitlub minn AquaBioTech Limited.

63. F'ġieh is-sewwa, ma jagħmel l-ebda sens li din il-Qorti tibgħat l-atti tal-kawża lura lill-Ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi l-kawża mill-ġdid fid-dawl ta' affidavits li ma jżidu xejn iktar mal-fatti li l-Ewwel Qorti diġà kellha għarfien dwarhom.

64. L-ewwel parti tal-tieni aggravju qiegħda għalhekk tiġi miċħuda.

65. Sa fejn imbagħad għandhom x'jaqsmu l-bqija tal-ilmenti li jmissu mal-mertu, din il-Qorti wara li fliet il-provi kollha, inkluż l-affidavits imsemmija, jidhrilha li l-ilmenti ta' AquaBioTech Limited huma mistħoqqa biss sa fejn l-Ewwel Qorti qalet li l-ittra tal-avviż tat-terminazzjoni tal-impjieg tal-attriċi, kif ukoll dik ta' twissija ma ġewx datati.

66. Dwar dan, il-Qorti rat li kemm l-ittra dwar l-avviż tat-terminazzjoni tal-impjieg (ara Dok B, f'paġna 7 tal-atti tal-kawża), kif ukoll l-ittra ta' twissija (ara Dok AB1 f'paġna 18 tal-atti tal-kawża), huma tabilħaqq datati fil-parti ta' fuq ta' dawk l-ittri, u għalhekk huwa minnu li l-Ewwel Qorti żbaljat fl-osservazzjoni tagħha li dawk l-ittri ma ġewx datati.

67. Huwa però daqshekk ieħor minnu li tali żball ma seta' però ħalla l-ebda marka fuq il-konklużjonijiet li wasslet għalihom l-Ewwel Qorti. Kemm hu hekk, minkejja li l-Ewwel Qorti ma ratx id-data fuq l-ittra dwar l-avviż tat-terminazzjoni, dik il-Qorti xorta waħda kkonkludiet li tali ittra ngħatat lill-attriċi fl-10 ta' Diċembru, 2018 (ara paragrafu 25 tas-sentenza appellata). L-istess jgħodd dwar l-ittra ta' twiddiba għaliex l-Ewwel Qorti xorta waħda qieset bħala fatt ippruvat li tali ittra nħarġet lill-attriċi b'riferenza għal inċident li kellha fil-jum tas-27 ta' Settembru, 2018, ma' kollega bl-isem ta' Weronika Wilk (ara paragrafu 17 tas-sentenza

appellata).

68. Sa fejn imbagħad għandhom x'jaqsmu l-bqija tal-ilmenti din il-Qorti titlaq bl-osservazzjoni li f'każijiet ta' din ix-xorta, huwa l-prinċipal stess li jġorr il-piż tal-prova dwar li huwa jkun temm il-kuntratt definit ta' impjieg tal-ħaddiem tiegħu għal raġuni tajba u biżżejjed (ara ***John Cutajar v. Allegro Andante Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell, Kompetenza Inferjuri, fit-2 ta' Ottubru, 2009 u ***Carmel sive Charles Mercieca v. Simonds Farsons Cisk p.l.c.*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' April, 2008).

69. Tassew, huwa biss f'dawk il-każijiet li l-prinċipal jirnexxilu jressaq din il-prova, li tibda tgħodd għalih l-eċċezzjoni msemmija f'**paragrafu 14 tal-Artikolu 36 tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali**, jiġifieri dik li jiskansa milli jħallas lill-impjegat il-penali msemmija f'**paragrafu 11 tal-istess Artikolu**.

70. Għalkemm il-liġi ma tagħtix tifsira dwar x'tikkwalifika bħala *«raġuni tajba u biżżejjed»*, huwa miżmum fil-ġurisprudenza, li bil-frażi *«raġuni tajba»* il-leġislatur qiegħed jirreferi għal ċertu nuqqasijiet gravi sew fil-ħila jew inkella fl-imġiba tal-ħaddiem (ara ***Louis Camilleri v. Arrow Express Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fit-13 ta' Frar, 2009; u ***Information Technology Services Limited v. Roberta***

***Galea et*** mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Mejju, 2005).

71. Biex ir-raġuni titqies *«biżżejjed»* huwa mbagħad meħtieġ li l-kastig ta' tkeċċija jkun wieħed proporzjonat meta mqabbel max-xorta ta' nuqqas tal-ħaddiem (ara ***Joseph Mercieca v. Water Services Corporation*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-27 ta' Frar, 2009).

72. Ifisser b'hekk li f'każijiet ta' din ix-xorta, id-difiża tal-prinċipal dwar li huwa jkun keċċa l-ħaddiem għal raġuni tajba u biżżejjed, għandha tiġi eżaminata minn żewġ aspetti. L-ewwel nett, il-Qorti għandha teżamina jekk il-prinċipal jirnexxilux iressaq prova ta' dawk in-nuqqasijiet li għalihom ikun keċċa lill-impjegat. Jekk il-prinċipal jirnexxilu jipprova dan, il-Qorti għandha mbagħad tgħaddi biex tara jekk fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-kastig ta' tkeċċija kienx wieħed proporzjonat meta mqabbel max-xorta tan-nuqqas tal-ħaddiem (ara ***Ian Xuereb v. Maltapost plc*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fil-5 ta' Ġunju, 2009, u ***John Fauzza et v. Dr. Carmelo Mifsud Bonnici noe*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' April, 2003).

73. L-ewwel ħaġa li rridu naraw huwa għalhekk, x'kienu sewwasew dawk ir-raġunijiet li għalihom AquaBioTech Limited keċċiet lill-attriċi mix-xogħol.

74. Dwar dan, il-Qorti tqis li kemm mill-ittra dwar l-avviż ta’ tkeċċija tal-attriċi tal-10 ta’ Diċembru, 2018 (Dok B, f’paġna 7 tal-atti tal-kawża), kif ukoll mid-dikjarazzjoni ta’ Shane Hunter tat-28 ta’ Jannar, 2019 (Dok L f’paġna 84 tal-atti tal-kawża), joħroġ biċ-ċar li r-raġunijiet ewlenin li għalihom AquaBioTech Limited temmet il-kuntratt ta’ impjieg definit tal-attriċi qabel iż-żmien mifithem, kienu minħabba *bullying* u fastidju fuq il-kollegi tax-xogħol.

75. Kemm hu hekk, fl-ittra dwar l-avviż ta’ tkeċċija tal-10 ta’ Diċembru, 2018, AquaBioTech Limited kitbet lill-attriċi: *«We have received several complaints and your behaviour has been investigated to be gross misconduct. At AquaBioTech we do not tolerate bulling in any form.»*

76. Fid-dikjarazzjoni b’*email* tat-28 ta’ Jannar, 2019, id-direttur tal-kumpanija appellanti, Shane Hunter, imbagħad kiteb li:

> *«Firstly I support the decision by the HR Dept to terminate ACV’s* [l-attriċi] *position with immediate effect* ***<u>as it is clear that her bullying of junior staff could not be tolerated under any circumstances and needed to be resolved immediately</u>****.*
>
> *Although we have lost a valuable member of staff,* ***<u>the circumstances clearly justify her dismissal under the grounds of gross-misconduct. This point is also clear in our Corporate Policy Guidelines (CPG’s) where harassment and bullying of staff will not be tolerated under any circumstances</u>****.*
>
> *I understand that ACV had already received a number of verbal warnings from various directors, including one from myself, and one formal written warning, about her attitude to and treatment of colleagues, and while I am the first to appreciate that in a multicultural company there are very different approaches and attitudes to work,* ***<u>bullying is bullying and it saddens me to hear that other colleagues had become “frightened” to come to work</u>****.*

*Having spoken to some of the staff that were subject to bullying, I fully understand why they were considering leaving the company. The idea that we could also be sued by staff members for failing to protect them from ACV is also of great concern.*

*At no time have I had the issue with the work of ACV and it was because of this fact alone, I decided to attend the appeals meeting ACV requested, as I was prepared to listen to her explanations and even consider having her return to the company under strict conditions. However, having attended the meeting I was shocked and greatly saddened to listed to Aranca effectively admit that* ***she had no idea that her actions constituted bullying or even recognise that her colleagues were so upset and frightened by her actions.*** *For me, seeing this at the appeals meeting reinforced the decision of the company to terminate ACV's employment.*

- *END OF STATEMENT -»*

(Silta meħuda minn Dok L, f'paġna 84 tal-atti tal-kawża) (l-enfasi huwa tal-Qorti stess).

77. Anke meta ġiet biex tiddefendi ruħha f'din il-kawża, AquaBioTech Limited sostniet l-istess ħaġa u fil-fatt, fit-tielet eċċezzjoni tagħha, qalet li: *«l-attriċi ħolqot ambjent negattiv fuq il-post tax-xogħol tant li numru ta' impjegati u apprendisti tas-soċjetà intimata kienu qed iħossuhom iffastidjati u intimidati mill-imġiba tal-attriċi sal-punt li kienu qed jikkunsidraw li jtemmu l-impjieg tagħhom, kif ser jiġi ppruvat waqt is-smigħ tal-kawża»* (ara t-tweġiba maħlufa ta' AquaBioTech Limited f'paġna 15 tal-atti tal-kawża).

78. Ġaladarba jirriżulta daqshekk biċ-ċar li AquaBioTech Limited temmet il-kuntratt ta' xogħol definit tal-attriċi għal raġunijet ta' *bullying* u fastidju fuq il-kollegi, AquaBioTech Limited, kellha qabelxejn tipprova li l-attriċi tassew wettqet dawk l-atti ta' *bullying* jew inkella ta' fastidju, għaliex

fin-nuqqas ta' hekk, id-difiża tagħha ma setgħetx tirnexxi. Fis-sewwa, din kienet waħda mir-raġunijiet ewlenin li għalihom l-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet ta' AquaBioTech Limited, u laqgħet it-talbiet tal-attriċi.

79. Bħall-Ewwel Qorti din il-Qorti ma jidhrilhiex li AquaBioTech Limited irnexxielha tipprova li l-attriċi wettqet atti ta' *bullying* jew inkella ta' fastidju fuq sħabha tax-xogħol.

80. Għalkemm AquaBioTech Limited issostni li rnexxilha tipprova li l-attitudni tal-attriċi kienet waħda *«negattiva, dispreġġjanti u tikkostitwixxi f'bullying»*, billi tirreferi lejn id-dikjarazzjonijiet maħlufa ta' Ines C. Pimparel, Myrto Georgopoulou, kif ukoll lejn dawk tal-*ex* kollegi tal-attriċi Norfalina M. Rosli, u Clara Piquer, din il-Qorti ma taqbilx, u dan billi minn dawk id-dikjarazzjonijiet kollha ma jirriżultax li l-attriċi kienet involuta f'xi inċident/i partikolari ta' *bullying* jew inkella ta' fastidju, minn meta ġġedded il-kuntratt ta' xogħol fit-2 ta' Ottubru, 2018, sakemm tkeċċiet ftit wara fl-10 ta' Diċembru, 2018,

81. Biex jingħata eżempju, minkejja li Ines C. Pimparel, kif ukoll Myrto Georgopoulou stqarrew li rċevew bosta ilmenti dwar l-imġiba tal-attriċi minn Norfalina Rosli u Clara Piquer, kif ukoll minn xi wħud mill-apprendisti tal-kumpanija, la Pimparel u wisq inqas Georgopoulou ma speċifikaw x'kienu dawk ix-xorta ta' ilmenti jew inkella taw id-dettalji dwar xi inċident

partikolari li ġie rrapurtat minn Rosli, Piquer jew xi apprendist. Lanqas ma semmew xi dati dwar meta daħlulhom dawk ir-rapporti (ara d-dikjarazzjonijiet ta' Ines C. Pimparel u Myrto Georgopoulou f'paġni 80 u 81 tal-atti tal-kawża).

82. Biex jingħad kollox, l-unika ilment min-naħa ta' Rosli u Piquer, li Georgopoulou kienet kapaċi tirreferi għalih fl-ispeċifiku, kien biss dwar li l-attriċi: *«had been taking advantage of the fact that she was the one organising the schedule and tasks that needed to be done during the week, which also effected the timetable of the team's leave, rota and extra hours. This often was made with a view to accommodate her needs and plans concerning personal commitments and Dancing Festivals she was participating in»* (erġa' ara d-dikjarazzjoni ta' Myrto Georgopoulou f'paġna 80 tal-atti tal-kawża). Dan l-ilment però m'għandu x'jaqsam xejn ma' atti ta' *bullying* jew inkella ta' fastidju fuq il-post tax-xogħol.

83. Bħal Gerogopoulou, id-direttur tal-kumpanija attriċi Shane Hunter, lanqas ma kien kapaċi jirreferi għal xi inċident/i partikolari ta' *bullying* jew inkella ta' fastidju min-naħa tal-attriċi, u dan minkejja li bħal Pimparel u Gerogopoulou sostna li huwa kien tkellem ma' bosta mill-ħaddiema ta' AquaBioTech Limited, li allegatament kienu vittma ta' *bullying* mill-attriċi. Tassew kemm fid-dikjarazzjoni tat-28 ta' Jannar, 2019, kif ukoll fil-kontroeżami li sarlu fil-11 ta' Novembru, 2021, Shane Hunter ma xeħet l-

ebda dawl fuq dawk l-allegati inċidenti (ara d-dikjarazzjoni ta' Shane Hunter f'paġna 84 tal-atti tal-kawża, kif ukoll il-kontroeżami tal-istess xhud f'paġni 96 sa 98 tal-atti tal-kawża).

84. Għalkemm din il-Qorti tista' tagħti lil Hunter il-benefiċċju tad-dubju dwar li huwa forsi seta' nesa d-dettalji speċifiċi meta ġie biex jixhed fil-kontroeżami, madankollu Hunter ma jista' jkollu l-ebda skuża li ma rrifera għall-ebda inċident partikolari meta ġie biex jikteb id-dikjarazzjoni b'*email* tat-28 ta' Jannar, 2019. L-attriċi tkeċċiet fl-10 ta' Diċembru, 2018, u għalhekk sakemm ġie biex jikteb l-*email* tat-28 ta' Jannar, 2019, il-memorja f'moħħu suppost kienet għadha friska. Għal din il-Qorti n-nuqqas ta' Hunter li jirreferi għal xi inċident partikolari ta' *bullying* jew inkella ta' fastidju fid-dikjarazzjoni b'*email* tat-28 ta' Jannar, 2019, jitkellem għalhekk waħdu.

85. Terġa' u tgħid, anke l-kollegi tal-attriċi, Norfalina M. Rosli u Clara Piquer, lanqas ma kienu kapaċi jirreferu għal xi inċident partikolari ta' *bullying* jew ta' fastidju min-naħa tal-attriċi, li seħħew wara li AquaBioTech Limited għażlet li ġġedded il-kuntratt tal-attriċi.

86. Għalkemm veru li fid-dikjarazzjoni tagħha Norfalina Rosli stqarret kif fl-aħħar ġimagħtejn ta' qabel it-tkeċċija tal-attriċi mix-xogħol, kien hemm ċertu tensjoni fit-tim, u hija kienet qiegħda tħossha mdejqa u

skomda ħafna taħdem mal-attriċi, madankollu Rosli naqset milli tirreferi għal xi każijiet speċifiċi li fihom l-attriċi tatha xi fastidju partikolari jew inkella kienet aggressiva magħha f'dawk il-jiem. Li qalet biss huwa li l-attriċi ma kinitx tafdaha, kienet qiegħda twarrabha għax ma kinitx kuntenta biha, u li min-naħa tagħha hija kienet tilfet il-fiduċja kollha fl-attriċi: *«when I found out that she was planning to use my 'extra hours' that she scheduled for a task for a day (13-Dec-18) for her holiday»* (ara d-dikjarazzjoni ta' Rosli f'paġna 78 tal-atti tal-kawża).

87. Fil-fehma tal-Qorti dawn l-ilmenti ta' Rosli huma biss ġeneriċi u jekk xejn, l-iktar li juru huwa nuqqas ta' qbil fil-karattri, kif ukoll nuqqasijiet tal-attriċi fil-ħiliet tagħha ta' tmexxija u tal-ħidma fi grupp. Kif rajna iktar kmieni, l-attriċi però ma tkeċċietx minħabba n-nuqqasijiet fil-ħiliet tagħha fit-tmexxija tat-tim tagħha jew inkella għaliex ma kinitx kapaċi taħdem sewwa fi grupp. Lanqas ma tkeċċiet minħabba xi abbuż fis-sistema tat-*time-off* jew tal-*leave* iżda għal raġunijiet ta' *bullying* u fastidju tal-kollegi tagħha.

88. Anke meta ġiet biex tixhed fil-kontroeżami, Norfalina Rosli ma kinitx kapaċi tirrakkonta x'kienu sewwasew dawk l-inċidenti li dwarhom hija allegatament irrapportat lill-attriċi mas-superjuri tagħha (ara l-kontroeżami ta' Norfalina Rosli f'paġni 111 u 112 tal-atti tal-kawża). Lanqas ma ċaħdet li hija kienet tikkorrispondi mal-attriċi wara l-ħinijiet tax-

xogħol fuq bażi soċjali, u iktar importanti minn hekk, ikkonfermat li ftit tal-ġimgħat wara li l-attriċi tkeċċiet mix-xogħol, hija stess saħansitra bagħtet lill-attriċi biex titlaqa' magħha ħalli jieħdu kafè jew birra flimkien (erġa' ara l-kontroeżami ta' Rosli f'paġna 112 tal-atti tal-kawża).

89. Kif tifhimha din il-Qorti, lil kieku Rosli tassew kienet iffastidjata jew inkella ppersegwitata mill-attriċi, hija kienet minn tal-inqas tkun kapaċi tirrakkonta mqar xi dettalji dwar l-inċidenti li għalihom irrappurtat lill-attriċi, u mhux ma tgħid xejn. Hekk ukoll qajla kienet sejra toqgħod tibgħat minn jeddha lill-attriċi biex tiltaqa' magħha fuq bażi soċjali, li kieku hija kienet tassew beżgħana jew itturmentata minnha.

90. AquaBioTech Limited ma tistax għalhekk issib xi wens fix-xhieda ta' Norfalina Rosli.

91. Daqshekk ieħor li ma tistax tkun ta' fejda għall-kumpanija appellanti id-dikjarazzjoni ta' Clara Piquer, li kienet ukoll taħdem mal-attriċi fl-istess grupp.

92. Minkejja li Piquer irreferiet għal inċident partikolari li fih l-attriċi wriet ċertu aggressività magħha, tant li bdiet tgħajjat magħha u twaddbilha l-ilma bil-barmil, madankollu l-istess xhud stqarret li tali inċident seħħ fi żmien li fih hija kien għadha kif tibda taħdem mal-kumpanija appellanti, u

għalhekk żgur li ma seħħx fiż-żmien rilevanti li matulu l-attriċi tkeċċiet mix-xogħol.

93. Jidher ukoll li l-inċident imsemmi kien wieħed iżolat, għaliex Piquer mhux talli ma rriferiet għal ebda inċident ieħor ta' din ix-xorta, anzi hija stess fissret li ġeneralment hija kienet taħdem tajjeb mal-attriċi u anke tgħallmet ħafna mingħandha. Piquer żiedet ukoll li l-attriċi lanqas ma kienet iżżomm lura milli tfaħħarha quddiem kulħadd u anke kienet turi ċertu fiduċja fiha, bħal pereżempju fejn jidħol it-taħriġ tal-apprendistati tal-kumpanija (ara d-dikjarazzjoni ta' Clara Piquer f'paġna 82 tal-atti tal-kawża).

94. Huwa wkoll ċar li bħal fil-każ ta' Rosli, ir-relazzjoni ta' bejn l-attriċi u Piquer ħadet daqqa ta' ħarta kbira fuq kwistjonijiet b'rabta mat-teħid tal-*leave* u l-użu jew aħjar l-abbuż mis-sistema tat-*time-off.* Fil-fatt, Piquer stqarret: *«We had good and bad days, but the general wasn't so bad. I was just angry when I realized how many holidays she was taken (sic!) from extra hours she was never doing…Here we also started to have problems with the holidays, as one situation was for instance this last Christmas»* (silta meħuda mid-dikjarazzjoni ta' Clara Piquer f'paġna 82 tal-atti tal-kawża).

95. Ma jidhirx għalhekk li d-diżgwid ta' bejn l-attriċi u Piquer kellu

x'jaqsam ma' xi inċidenti ta' *bullying* jew inkella ta' fastidju min-naħa tal-attriċi.

96. Anke fejn tidħol ir-relazzjoni tal-attriċi mal-apprendisti, il-Qorti ma jidhrilhiex li AquaBioTech Limited irnexxielha tipprova li l-attriċi wettqet xi atti ta' *bullying* jew inkella ta' fastidju fuq dawk l-apprendisti li ħadmu magħha.

97. Għalkemm veru li Pimparel u Gerorgopoulu qalu li kienu ġew għandhom bosta apprendisti b'ilmenti kontra l-attriċi, għal darb'oħra dawn naqsu għalkollox milli jagħtu dettalji speċifiċi dwar fiex kienu jikkonsistu dawk l-ilmenti (ara Dok I, u Dok J f'paġni 79 u 81 tal-atti tal-kawża). Agħar minn hekk, il-kumpanija appellanti lanqas ma ndenjat tressaq imqar lil xi wieħed jew waħda minn dawk l-apprendisti sabiex jixhdu. Lanqas ma tressqu xi minuti bil-miktub li jiddokumentaw dawk l-ilmenti.

98. Il-Qorti ma tistax ukoll ma tosservax kif ironikament kemm Clara Piquer kif ukoll Norfalina Rosli bdew jaħdmu mal-kumpanija appellanti wara esperjenza ta' apprendistat mal-attriċi, u minkejja dan, la waħda u lanqas l-oħra ma kellhom kliem ta' tmaqdir dwar dik l-esperjenza. Mod ieħor, Piquer stqarret: *«I started in AquaBioTech as intern with Aranca. We worked very well together, and I learned a lot from her»* (ara d-dikjarazzjoni ta' Clara Piquer f'paġna 83 tal-atti tal-kawża). Rosli fissret

ukoll li: *«during my internship, everything was normal»* u saħansitra żiedet tistqarr: *«I requested to work full-time with her* (l-attriċi) *and Clara...»* (ara d-dikjarazzjonijiet ta’ Rosli f’paġma 78 tal-atti tal-kawża).

99. Anke, Elena Zainer, li għamlet madwar tliet xhur taħdem mal-kumpanija appellanti bħala apprendista u kienet taqa’ taħt ir-responsabbiltà tal-attriċi, stqarret li l-esperjenza tagħha mal-attriċi kienet waħda pożittiva u li l-attriċi dejjem irrispettata, anke meta kienet tiżbalja (ara l-affidavit ta’ Elena Zainer f’paġni 114 u 115 tal-atti tal-kawża). Iktar importanti minn hekk, fil-kontroeżami, l-istess xhud fissret li r-relazzjoni tal-attriċi mal-kollegi tagħha kienet waħda *«normali»,* u minkejja li f’għajnejha ma kinitx tidher bħalha waħda ta’ ħbiberija, xorta waħda kienet *«ċivili»,* tant li stqarret: *«I didn’t see any issue or problem»* (ara l-kontroeżami ta’ Elena Zainer f’paġni 127 u 128 tal-atti tal-kawża).

100. Sa fejn imbagħad għandhom x’jaqsmu t-twissijiet li qiegħda tirreferi għalihom il-kumpanija appellanti, din il-Qorti jidhrilha li it-twissija formali tat-28 ta’ Settembru, 2018, ma tista’ tkun tal-ebda fejda għad-difiża ta’ AquaBioTech Limited, għaliex din tirreferi għal inċident li seħħ fis-27 ta’ Settembru, 2018, jiġifieri qabel l-iskadenza tal-ewwel kuntratt ta’ impjieg tal-attriċi, u fuq kollox hija b’rabta ma’ inċident speċifiku, li fil-verità ma kellux x’jaqsam ma’ *bullying* jew inkella fastidju fuq il-post tax-xogħol, iżda kien b’rabta ma’ imġiba ħażina tal-attriċi, fis-saħna tal-mument, u

b'konsegwenza diretta ta' pressjoni tax-xogħol (ara Dok AB1, f'paġna 18 tal-atti tal-kawża; l-affidavit ta' Lisa Hunter f'paġna 60 tal-atti tal-kawża; ir-rapport ta' Myrto Georgopoulou f'paġni 67 u 68 tal-atti tal-kawża; u x-xhieda tal-attriċi tad-9 ta' Ottubru 2019, minn paġna 24 sa 27 tal-atti tal-kawża).

101. Xieraq ukoll jingħad li fl-ittra tat-28 ta' Settembru, 2018 (erġa' ara Dok AB1, f'paġna 18 tal-atti tal-kawża), ma saret l-ebda riferenza għal xi twissijiet oħra, sew bil-fomm u wisq inqas bil-miktub. Mod ieħor, f'dik l-ittra ngħad li: *«this is your first warning letter»*, u għalhekk din hija l-aħjar prova, li sa dakinhar, l-attriċi ma kinitx għadha rċeviet xi twiddiba uffiċjali min-naħa ta' AquaBioTech Limited.

102. Mhux b'inqas ta' rilevanza huwa mbagħad il-fatt li l-unika twissija li AquaBioTech Limited irreferiet għaliha fl-ittra tal-avviż dwar it-terminazzjoni tal-impjieg tal-attriċi, kienet biss dik tas-27 ta' Settembru, 2018 (ara Dok B, f'paġna 7 tal-atti tal-kawża). Fil-fehma tal-Qorti, din hija l-aqwa prova oġġettiva tal-fatt, li minn meta AquaBioTech Limited ħadet ħsieb li ġġedded il-kuntratt tal-attriċi fit-2 ta' Ottubru, 2018, sakemm keċċietha fl-10 ta' Diċembru, 2018, l-attriċi ma kienet ingħatat l-ebda twissija formali oħra.

103. Il-Qorti tqis ukoll li għalkemm AquaBioTech Limited irnexxielha turi

li fis-26 ta' Novembru, 2018, hija organizzat laqgħa mal-attriċi li fiha ddiskutiet l-imġiba tagħha, madankollu, kemm mis-suġġett tal-minuti ta' dik il-laqgħa*,* kif ukoll mill-kontenut tal-istess minuti, jidher li l-għan wara tali laqgħa kien biss li jiġi diskuss il-progress fl-imġiba tal-attriċi, u xejn iktar minn hekk. Tassew, is-suġġett tal-email li fih inkitbu dawk il-minuti huwa intitolat bħala: *«ACV progress meeting»* u fil-qafas tal-minuti tniżżel: *«These meetings are going to happen every month for a period of 3 months <u>to evaluate ACV's progress</u>»* (ara Dok F, f'paġni 73 u 74 tal-atti tal-kawża). Fuq kollox, f'dawk il-minuti lanqas ma saret xi riferenza għal xi *bullying* jew fastidju.

104. Ma jistax ukoll ma jiġix osservat kif fil-konklużjoni tal-istess *email* li nkitbu fih dawk il-minuti, Ines Pimparel kitbet lill-attriċi: *«Aranca, after all of this, <u>I would like to say that you are an excellent worker</u> (as both me and Pamela told you in the meeting). I am very proud of the work we did for the EviGuard Project. I received a lot of compliments. <u>I look forward to work with you in other projects</u> :)»* (erġa' ara Dok F, f'paġna 74 tal-atti tal-kawża; l-enfażi huwa tal-Qorti stess).

105. Kif tifhimha din il-Qorti, li kieku fil-laqgħa tas-26 ta' Novembru, 2018, ġiet diskussa xi imġiba tassew ħażina tal-attriċi, bħal xi inċidenti partikolari ta' *bullying* jew inkella ta' fastidju fuq il-kollegi tagħha, Pimparel ma kinitx sejra tazzarda li tfaħħar lill-attriċi b'dak il-mod, u saħansitra

tgħidilha li kienet qiegħda tħares ’il quddiem biex tkompli taħdem magħha fuq proġetti oħra.

106. Huwa wkoll ta’ importanza l-fatt li kemm mill-minuti tal-laqgħa tas-26 ta’ Novembru, 2018, kif ukoll mill-korrispondenza elettronika li segwiet dik l-istess laqgħa, l-attriċi appellata wriet spirtu qawwi ta’ koperazzjoni, tant li mhux biss wegħdet li kienet sejra tagħmel mill-aħjar sabiex taħdem iktar fi grupp, iżda wkoll għarrfet li kien hemm lok fejn setgħet ittejjeb l-imġiba tagħha fil-konfront ta’ sħabha u għaldaqstant kienet sejra taħdem fuq hekk. B’daqshekk ma jfissirx però li l-attriċi kienet qiegħda tammetti li kienet qiegħda tiffastidja lil sħabha, jew agħar minn hekk li wettqet atti ta’ *bullying* fuqhom.

107. Mank biss però laħqu għaddew ġimagħtejn minn dan kollu, AquaBioTech Limited xorta waħda ddeċidiet li ttemm ħesrem l-impjieg tal-attriċi, u dan minkejja li hija naqset milli turi, li f’dawk il-ġimagħtejn, l-attriċi kienet involuta f’xi inċident partikolari mal-kollegi tagħha li għalih kien jistħoqqilha titkeċċa minn fuq il-post tax-xogħol. Wisq inqas li AquaBioTech Limited seħħilha turi li fl-istess perjodu hija saret taf b’xi atti konkreti ta’ *bullying* jew inkella inċidenti partikolari ta’ fastidju li l-attriċi setgħet kienet involuta fihom fi żmien ta’ qabel.

108. Fl-aħħar nett, il-Qorti tqis li lanqas ma huwa minnu li l-attriċi

ammettiet li hija b'xi mod jew ieħor tat fastidju lill-sħabha tax-xogħol jew inkella wettqet fuqhom xi atti ta' *bullying*. Għalkemm veru li l-attriċi stqarret li ħassitha ddispjaċuta jekk hija tassew ġiegħlet lil xi ħadd iħossu ħażin, madankollu hija qalet ukoll li ma kellha l-ebda ħjiel dwar x'wassal lill-kumpanija appellanti sabiex taħseb li hija kienet wettqet xi atti ta' *bullying* fuq xi kollega (ara x-xhieda tal-attriċi f'paġna 34 tal-atti tal-kawża). Wara kollox, anke Shane Hunter stqarr:*«she had no idea that her actions constituted bullying or even recognise[d] that her colleagues were so upset and frightened by her actions»* (silta meħuda mid-dikjarazzjoni ta' Shane Hunter f'paġna 84 tal-atti tal-kawża). Huwa għalhekk altru milli l-attriċi ammettiet ix-xiljiet miġjuba kontriha mill-kumpanija appellanti!

109. Tħares minn fejn tħares, din il-Qorti ma tarax għalhekk kif tista' tlum lill-Ewwel Qorti dwar il-konklużjoni tagħha li AquaBioTech Limited ma seħħilhiex tipprova li l-attriċi wettqet xi atti ta' fastidju jew inkella ta' *bullying* fuq il-kollegi tagħha.

110. Ġaladarba l-kumpanija appellanti sejset ir-raġunijiet ta' tkeċċija tal-attriċi mix-xogħol fuq *bullying* u fastidju fuq il-kollegi li ma ġewx ippruvati, isegwi li l-kumpanija appellanti ma rnexxilhiex turi li kellha raġuni tajba u biżżejjed skont il-liġi sabiex ittemm il-kuntratt ta' impjieg definit tal-attriċi appellata.

111. Jiġi b'hekk li l-konklużjoni li wasslet għaliha l-Ewwel Qorti hija wkoll ġusta fis-sustanza tagħha u fiċ-ċirkostanzi it-tieni aggravju ta' AquaBioTech Limited qiegħed jiġi miċħud għalkollox.

112. Fuq nota aħħarija, il-Qorti tosserva li AquaBioTech Limited ma ressqet l-ebda aggravju dwar l-ammont ta' kumpens li l-Ewwel Qorti ikkundannata tħallas lill-attriċi jew inkella dwar l-imgħaxijiet li għandhom jibdew jgħaddu fuq dik l-istess somma. Din il-Qorti sejra għalhekk tkun qiegħda tgħaddi biex tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata għalkollox.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell tal-kumpanija konvenuta AquaBioTech Limited, u għalhekk qiegħda tikkonferma għalkollox is-sentenza appellata.

L-ispejjeż b'rabta ma' din il-proċedura tal-appell għandhom jitħallsu kollha mill-kumpanija appellanti AquaBioTech Limited.

| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |
|---|---|---|

Deputat Reġistratur
da